**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 245/2013 AGV**

**AB (ID nru:423665 M) kif debitament awtorizzat bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' CD (ID Nru: 176758 M).**
**Vs**
**ED (ID nru; 562159 M).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' **AB ( ID nru:423665 M) kif debitament awtorizzat bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' CD (ID Nru: 176758M),** datat 19 ta' Novembru 2013, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;

1. Illi r-rikorrenti AB qed jidher bhala mandatarju ghan-nom u in rapprzentant tal-assenti CD skont prokura tat- 2 ta' Lulju 2013 hawn annessa bhala Dok A;

2. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar is- 27 ta' Mejju 1994;
3. Illi minn daz-zwieg twieled F li llum ghandu 18- il sena;
4. Illi l-hajja bejn l-kontendenti ma ghandhiex possibbli aktar ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba vjolenza, servizzi, eccessi, ingurji u kif ukoll adulterju da parti tal-konvenuta, u dan kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;
5. Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi ghas-seperazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok B;
6. Illi r-rikorrenti jghix barra minn Malta u kien ghalhekk li taha prokura generali lil martu ED datata 9 ta' Gunju 2011, annessa bhala Dok C;
7. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin datat 22 ta' Mejju 2013, l-intimata bieghet il-flat immarkat numru 1, u li jinsab fit-tieni sular ta' blokk flats li jgib in-numru 9, Ambleside, Triq Glormu Cassar Mosta, lil certu Anthony sive Tonio Cassar. GHI. Il-kuntratt ta' bejgh, hawn anness bhala Dok. D.
8. Illi l-imsemmi flat kien propjeta' parafernali tar-rikorrent stante li gie akkwistat minnu fl- 1992, minghand certa Marija Buhagiar, JK permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marlene Felice tad- 19 ta' Gunju 1992, liema nota tal-insinwa qed tigi hawn annessa bhala Dok. E, illi dal-kuntratt sar qabel iz-zwieg ma' martu ED;
9. Illi mindu r-rikorrenti ilu jghix barra minn Malta, hu afda lill-martu sabiex tammnistralu hwejjgu, izda l-konvenuta ad insaputa ta' zewgha, qabdet u bieghet il-fond, Ambleside, Triq Glormu Cassar Mosta, u dan minghajr lanqas avzatu u lanqas ma tatu il-flus lil zewgha, meta dawn il-flejjes huma flejjes parafernali tieghu;
10. Illi fl- 4 ta Gunju 2013, l-istess CD bghatt ittra lil ED biex iwaqqfilha l-prokura, dana peress li jumejn qabel kienet infurmatu li kienet ser tbiegh il-propjeta' tieghu li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala

Dok F. Illi issa jirrizulta li l-fond kien diga' inbiegh permezz tal-kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. John Gambin tat- 22 ta' Mejju 2013, Dok D;

11. Illi martu sal-lum ghandha lanqas biss taghtu rendikont ta' flusu u lanqas bghatitlu il-bilanc tieghu u lanqas ma tatu centezmu minn dan il-bejgh;
12. Illi ghalhekk kellha issir dil-kawza odjerna stante li ma kienx hemm ebda offerta da parti tal-konvenuta u stante l-fatt li bhala prokuratrici, u martu kellha l-obbligu li trodd lura l-flus u tiehu hsiebhom u mhux ma tatijomlux lura;

Tghid ghalhekk il-konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarzzjoni, necessarja u opportuna, l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Tippronunzja s-seperazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti Mangion, li zzewggu nhar is- 27 ta' Mejju 1994, minhabba li l-hajja ta' bejn il-kontendenti ma ghadhiex izjed possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment;
2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti, ta' bejn il-partjiet u tillikwida u tqassam l-istess komunjoni f' zewg porzjonjiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lil-konvenuta, occorrendo u jekk hemm bzonn li jigu nominati Periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lura imghaxijiet legali, dawk il-flejjes parafernali propjeta' tal-attur, li huma provenjeneti mill-bejgh tal-fond flat immarkat numru 1, Ampleside, Triq Glormu Cassar Mosta, u dan prevja u jekk hemm bl-opera ta' periti nominandi;
4. Tapplika kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet kompletati fid-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ingunta in subizzjoni inkluz l-ispjjez tal-mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet AB noe vs ED intavolat nhar is- 16 ta' Lulju 2013 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenuta ED datata 18 ta Frar 2014 fejn ikkonfermat;

1. Illi hija ma toppnix ghall-ewwel talba b' dan ill l-htija ghall-firda ghandha tkun akkollata fl-intier taghha fuq ir-rikorrenti prprio.
2. Illi hija taqbel mat-tieni talba tar-rikorrenti.
3. Illi hija topponi ghal dit-talba invista ta' dak li hija tghid u titlob fir-rikors mahluf taghha. L-intimata hadet hsieb il-bzonnijiet kollha ta' F, hallset id-djun kollha tar-rikorrenti propjo u wara li dan abbandunahom, kompliet thallas u ghalhekk hija ma ghandha taghti xejn lil rikorrenti. Jekk xejn ghandu jirrizulta propju l-oppost.
4. Illi anka r-raba' talba hija opposta, u dan peress li hija ma ghamlet xejn sabiex jigu applikati kontrieha d-disposizzjonijiet tal-Ligi imsemmija mir-rikorrenti f' din it-talba.
5. L-ispejjez ta' dil-kawza ghandom jigu ssoportati fl-intier taghhom, mir-rikorrenti.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi, u l-partijiet kienu qablu li l-provi f'wahda kienu jghoddu wkoll ghall-ohra. Illi ghalhekk, il-Qorti sejra taghti sentenza f'kull kawza, u l-motivazzjonijiet f'wahda ser japplikaw ghall-ohra. Ghaldaqstant sejra tirreferi ghall-partijiet b'isimhom jew bhala 'l-mara' jew 'ir-ragel'.

Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu f'Mejju 1994, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel F, li twieled f'Lulju tal-1995. Id-dar matrimonjali kienet appartament fi Triq Girolamu Cassar, Mosta, li kienet parafernali tar-ragel. CD kien tilef l-agenzija tad-ditta ta' prodotti li kien ibiegh fis-sena 2004, u minn dak iz-zmien kien ipprova diversi impiegi differenti u anke xi negozji privati, sa ma ddecieda li jsiefer lejn l-Ingilterra f' Gunju 2011, biex isib xoghol hemm. Qabel ma telaq halla prokura generali lill-mara tieghu, ED, biex tamministra l-proprjeta' taghhom. F' Mejju 2013, l-appartament tal-Mosta inbiegh minn ED bis-sahha tal-prokura li kellha, u l-partijiet fethu proceduri ta' medjazzjoni, u dawn iz-zewg kawzi kontra xulxin.

Il-verzjonijiet ta' fatti li jaghtu l-partijiet huma dijametrikament opposti ghal xulxin, wara kollox bhal ma jkunu hafna minn dawn il-kawzi ta' firda u separazzjoni personali. Min-naha tieghu, CD jghid li l-hajja konjugali ma baqghetx possibbli minhabba fl-agir tal-mara tieghu, li kienet taghmel xenati anke f' nofs ta' lejl u tghajru. Fir-rikors tieghu jghid li z-zwieg tieghu tkisser irremedjabbilment minhabba vjolenza, sevizzi, eccessi, ingurji u adulterju ta' martu. Jghid ukoll li martu qabdet u bieghet il-proprjeta' tieghu, l-appartament fil-Mosta, minghajr ma kkonsultat mieghu, u zammet ir-rikavat kollu hi minghajr ma biss tatu rendikont ta' flus. Din il-proprjeta' kienet inxtrat minnu fl-1992, u kien ha self biex jixtriha u kien ihallas hu dan is-self lura lill-bank. Jghid ukoll li hu kien ihallas il-kontijiet kollha tal-ilma, dawl u servizzi ohra, izda kien hemm zmien meta waqaf jahdem u pprova jsib xoghol, u kellu diffikulta' jhallas dawn l-ispejjez.

CD jghid ukoll li r-relazzjoni tieghu ma' martu bdiet tmur hazin sa mill-2007, meta kienet tinsultah u titfa' affarjiet lejh biex tweggghu. Hu kien ghamel diversi rapporti lill-Pulizija ta' dawn l-incidenti. Fl-2011 hu telaq lejn l-Ingilterra biex

ifittex xoghol hemm, bil-kunsens tal-familja, u jghid li kien jibghat flus regolarment lil martu u lil ibnu.

Fl-affidavit tieghu, apparti li jghid li ghandu hafna talenti, D jaghmel riferenza ghal kopja ta' artiklu li deher fir-rivista 'Woman's Own', esebit minn martu, fejn jidher li hu u mara ohra Ingliza kellhom relazzjoni wara li ltaqghu fuq l-internet. D jghid li dik kienet storja ivvintata biex jaghmel ftit flus minnha u jiffinanzja applikazzjoni ghal 'patent rights' gewwa r-Renju Unit. Il-mara li tidher f'dak l-istess artiklu jghid li hi L u li hi biss sid il-kera ta' fejn kien jirrisjedi, u jhallas sittin Lira Sterlina kull hmistax ghall-istess kera. Jichad li kellu relazzjonijiet ohra ma' nisa ohra. Hu esebixxa tlitt ricevuti indirizzati lil Mrs MN ghall-kera imsemmija.

ED ukoll xehdet permezz ta' affidavit, fejn qalet li bdiet tara l-konvenut jibdel l-attitudni tieghu mill-2001. Qalet li kellu relazzjoni ma' diversi nisa, u ta' dan sabet provi bhal messaggi fuq il-'mobile' tieghu u kartolini indirizzati lilu. Lil uhud minn dawn, hi kienet ikkonfrontathom u qalet li huma ammettew maghha. Qalet ukoll li hi u zewggha kellhom 'loan account' mal-Bank of Valletta, li kienet intbaghtet lilhom ittra ufficjali mill-istess Bank, minhabba nuqqas ta' pagamenti, fost hafna problem finanzjarji ohra. Dan kien holoq tensjoni fil-familja, aktar peress illi l-konvenut ma kienx baqa' jahdem.

Meta gie biex imur l-Ingilterra ghax qal li kien sab xoghol hemm, l-attrici qalet li fil-bagalja tal-konvenut sabet ittri ta' mhabba minn mara Ingliza, li aktar tard l-attrici saret taf li zewgha kellu relazzjoni maghha, peress illi kienet sabet rivista bl-isem 'Woman's Own' u kien hemm artiklu u ritratti juru lir-ragel taghha u lil din il-mara jirrakkontaw kif iltaqghu u bdew relazzjoni. Qalet ukoll li l-konvenut kien baghat xi flus minn barra, izda dawn ma kienux regolari u ma kienux

bizzejjed biex jghixu hi u t-tifel. Id-djun li halla warajh CD rat kif hallsithom kollha hi mill-paga taghha.

In sostenn tax-xiehda taghhom, il-partijiet ressqu provi ohra, kemm dokumentarji kif ukoll xhieda *viva voce*.

Mill-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet, il-verzjoni ta' fatti moghtija minn CD ma tistax titwemmen. Hu jinnega ghal kollox li kellu relazzjoni ma' persuna jew persuni ohra, izda l-provi juru mod iehor. L-aktar prova li hemm kontrih hija l-istorja riprodotta fir-rivista 'Woman's Own'. Hija skuza ridikola u kwazi infantili li jaghti CD meta jghid li dik l-istorja kienet biss ivvintata biex jithallas somma flus ghall-familja. Meta l-Qorti rat il-kartolina ta' OP, u l-ittra u l-artiklu ta' MN, flimkien mad-diversi konfronti li ED kellha mieghu dwar nisa ohra, hija hafna aktar kredibbli l-verzjoni moghtija mill-mara f' dan il-kaz. Il-Qorti hija konvinta li kien hemm abbandun tal-familja mir-ragel, flimkien ma' adulterju ghal aktar minn darba.

Hija aktar verosimili wkoll il-verzjoni li taghti ED, rigward il-bejgh tad-dar matrimonjali taghhom, u ghalhekk jaghmel sens li CD taha prokura generali ftit qabel ma telaq lejn l-Ingilterra. Il-fatt ukoll li r-ragel ma rritornax lura Malta, u li bejn Novembru 2012 u Ottubru 2014 baghat biss madwar seba' mitt Ewro (€700) lil F huwa wkoll indikattiv ferm. Ghall-Qorti, ghalhekk, CD abbanduna lill-familja tieghu u mar jirresjedi fir-Renju Unit ma' terza persuna biex jibda hajja ohra hemm, u ta' dan jahti hu wahdu u ghandu jaghmel tajjeb ghalih hu wahdu wkoll.

<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>

Illi skond ma jirrizulta mill-atti ta' dawn il-kawzi, fl-prezent ma hemm xejn fil-komunjoni hlief l-ghamara li kienet tinsab fid-dar matrimonjali. Din l-ghamara ma kienx hemm qbil dwar ta' min hi jew min ghandu kreditu fuqha.

Fl-affidavit taghha ED xehdet li ommha kienet tatha s-somma ta' disat elef Liri Maltin (LM 9000) ekwivalenti ghal kwazi wiehed u ghoxrin elf Ewro (€20,964.36). Ghalhekk, il-komunjoni ghandha dejn fil-konfront taghha f' dan l-ammont.

Oltre dan, omm CD kienet tat lil ED is-somma ta' elf Lira Maltin (LM 1000), ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija, u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37). Anke dis-somma hi tghid li kien hadha Cu qatt ma raddha lura.

Il-vettura Citroen Saxo kienet inbieghet ghas-somma ta' Ewro 2,562.31, u kienet inxtrat matul iz-zwieg. Dawn il-flus ED tghid li r-ragel kien zammhom ghalih u hadhom mieghu l-Ingilterra.

ED tghid ukoll li kien hemm flejjes fl-ammont ta' LM 625 ekwivalenti ghal Ewro €1,455.86, li gew zbankati minnu u li kienu jappartjenu lil binhom F. Dawn ghandhom jinghataw lilha fl-intier taghhom sabiex hi mbaghad tkun tista' tghaddihom lil bihom.

Fl-ahhar nett hi tghid li CD ghandu jaghtiha somom ingenti ta'  flejjes li hija hallset ghal dejn li kien parafernali tieghu, fosthom pagamenti fil-home loan , fl-overdraft, Legal Fees, u dejn iehor dovuti lil banek Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta, kontijiet mal-ARMS Limited  u mal-GO plc. Minn meta hu telaq minn Malta Gemma Mangion hallset is-segwenti dejn li hu kien halla warajh;

| | |
|---|---|
| Bilanc mal-ARMS limited (qabel 2011) | Ewro 1,175.33 |
| Bilanc mal-Go plc (qabel 2011) | Ewro 332 |
| Kontijiet mal-Go plc (minn2011 sa 2013) | Ewro 1,035.88 |
| Pagamenti fil-home loan | Ewro 2,843 |
| Bilanc fil-home loan | Ewro 4,830.94 |
| Pagamenti fl-overdraft | Ewro 8,237.81 |
| Blanc fl-overdraft | Ewro 15,044.48 |
| | |
| Total Kontijiet | Ewro 33,499.44 |

Illi minn meta telaq minn Malta fis- 16 ta' Gunju 2011, ED tghid li r-ragel qatt ma hallas manteniment ghal ibnu, li dak iz-zmien kellu 15-il sena. Il-provi juru li ghal perjodu ta' sentejn, bejn Novembru 2012 u Ottubru 2014 kien hallas seba' mitt Ewro, madwar tletin Ewro fix-xahar. Fil-kawza hi qed titlob li zewgha ghandu jigi kkudannat ihallas manteniment ghal binhom fl-ammont ta' Ewro 400 fix-xahar. Matul is-sena 2011 spicca mil-iskola sekondarja, F beda kors full time ta' sentejn gol-MCAST, imbaghad beda kors iehor li dam sena. F baqa' jistudja sakemm ghalaq 19-il sena. Ghalhekk qed titlob lill-Qorti sabiex ir-ragel taghha jigi ordnat ihallas manteniment ghall 3 snin u xahrejn, li bir-rata ta' 400 Ewro, jammonta ghal Ewro 15,200.

Oltre dan kien hemm spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni ta' F, bhal ezempju lezzjonijiet privati tal-matematika li damu ghal madwar sena u nofs u li ghalihom hi kienet thallas 40 Ewro kull xahar, u li b' kollox jammontaw ghal Ewro 720.

Finalment ED tirrileva illi wara l-bejgh tal-fond matrimonjali hija necessarjament kellha tirrikorri fi spejjez sabiex issib residenza alternattiva ghaliha u ghal iben il-partijiet. Ghalhekk hi tissottometti li, tenut kont tal-ispejjez li hallset, tad-dejn

li kellha taghmel tajjeb ghalih, hi m'ghandha taghti xejn lir-ragel bhala sehem mill-bejgh tad-dar matrimonjali.

Il-figuri kollha indikati hawn fuq igibu total ta' €76,031.34, li huma djun li hallset ED jew flejjes li ha CD kif gia' deskritt. Jekk tnaqqas din il-figura mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, dak ta' €116,468.66, jifdal bilanc ta' €40,437.32.

Min-naha tieghu CD jghid li hu ghandu kreditu favur tieghu ta' nofs il-valur ta' diversi bicciet ta' ghamara li kienu fil-fond matrimonjali, li kienu inxtraw fiz-zwieg u li dawn ma jafx x'sar minnhom. Il-valur ta' dawn l-oggetti, skond in-nota esebita minnu, huwa ta' €20,776.30. Kellu wkoll diversi oggetti parafernali tieghu, li taghhom kien ghamel lista minghajr valuri attribwit lilhom, li jghid li kienu tieghu u gew ghandu b'wirt jew donazzjoni.

Apparti dawn, l-akbar kontestazzjoni hi dwar il-bejgh tad-dar matrimonjali, li kienet parafernali tieghu. Din inbieghet ghall-prezz ta' €116,468.66, u minn dan ir-rikavat CD ma ha xejn.

ED qed titlob id-dekadenza favor taghha kontra r-ragel talli hu kkommetta adulterju, u talli abbanduna l-familja. Fil-fehma tal-Qorti, din it-talba ghandha tintlaqa' bis-shih kontra ED. Il-fatti juru bic-car li hu abbanduna l-familja wara li kellu aktar minn relazzjoni wahda extra konjugali. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' ED fejn tghid li CD m'ghandu ebda kreditu favur tieghu, salv li jigu ritornati lilu l-oggetti antiki u l-bicciet ta' ghamara antika li kienu tieghu parafernali u li taghhom kien ipproduca lista minghajr valur.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba ta'  AB noe u tippronunzja s-seperazzjoni personali tal-konjugi D izda bi htija esklussiva ta' CD.
2. Tilqa' it-tieni talba limtiatament ghal fatt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti,
3. Tichad it-tielet talba.
4. Tichad ir-raba' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament minn CD.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**